MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2002

Numru 248/2001

MAGISTRAT:
DR.JOSEPH CASSAR BA., LL.D

**Il-Pulizija**
(Spettur Carmelo Magri)
**Vs**
**Manolito Bugeja**
**David Vella**

Illum 6 ta` Novembru 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Manolito Bugeja ta` 23 sena, bin Carmelo u Maria Concetta nee` Dimech imwieled il-Pieta fid-19 ta` Gunju 1977 u li joqghod Agius

Flats Nru 3 Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar. Detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 301577(M).

Talli fis-17 ta` April 2001 ghall-habta tat-3.30 ta` wara nofsinhar u fil-granet ta` wara din id-data, minn mahzen sitwat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana, ikkommetejt serq ta` kwantita ta` Compact discs (CDs), Digital Video Discs (DVDs), starter-pistol tal-ghamla Rohm RG-3 Cal. 6mm numru serjali mhux maghruf kif ukoll arma tan-nar b`tir wiehed (Zip-gun) ghamla u numru serjali mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), bil-persuna u bil-lok ghad-dannu tal-Gvern Ta` Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fl-granet ta` wara din id-data, xjentament ilqaghjt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistajt b`reat, sew jekk sar f`Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b`kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta liema ammont ta` hsara ma jiskorrix l-ghaxar liri Maltin (Lm10);

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fil-granet ta` wara din id-data f`dawn il-Gzejjer, kellu fil-pusess u/jew that il-kontroll tieghu u/jew garr arma tan-nar u cioe` Starter-pistol tal-ghamla Rohm RG-3 Cal 6mm numru serjali mhux maghruf kif ukoll arma tan-nar b`tir wiehed (Zip Gun) Cal .410 ghamla u numru serjali mhux maghrufa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta` wara din id-data f`dawn il-Gzejjer, xort` ohra milli mill-Licenzja naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dawk imsemmija armi ghandhomx jinzammu that idejn il-Pulizija jew that idejn il-persuna li tghat l-avviz.

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat quddiem din il-Qorti bi procedura sommarja

Rat in-nota l-ohra ta` l-Avukat Generali tal-5 ta` Awissu 2002;

Rat li l-Akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih

Issibu hati

Rat l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 278, 279, 325 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 2, 3, 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 28A tal-kap 9.

Stante l-kondotta nadifa ta` l-akkuzat tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tikkundannah sena (1) prigunerija liema sentenza ma ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor fi zmien tlett (3) snin m`illum, reat soggett ghall-prigunerija.

Il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta tieghu that l-artikolu 28B

Vera Kopja.

Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Mario Mifsud
Dep Reg.